MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 1/2010

**Mark Pace**

**vs**

**ST Microelectronics (Malta) Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Jannar, 2010, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Illi b'dikjarazzjoni prezentata fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena 2007, l-appellant talab lil dan it-Tribunal jiddikjara illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg mis-socjetaċ intimata kienet wahda ingusta.
>
> Da parti taghha s-socjeta' intimata ddefendiet ruhha fis-sens li t-terminazzjoni ta' l-impjieg minn maghha kien wiehed gustifikat.

Fatti:

Illi s-socjeta` intimata kienet ghaddejja minn fazi kritika minhabba nuqqas ta’ xoghol u ristrutturazzjoni u bdiet tidher certu informazzjoni fil-media lokali, liema informazzjoni kienet qed tohrog minn gewwa l-fabbrika stess.

F'artiklu partikolari gurnalista semma lil certu Mark Pace. In vista li fil-kumpanija kollha kien hemm Mark Pace wiehed, il-kumpanija bdiet procedura ta’ dixxiplina kontra dan l-istess appellant. Dana ai termini ta' l-istess ftehim kollettiv ezistenti bejn il-kumpanija u l-General Workers Union.

L-appellant gie misjub hati fl-ewwel stadju quddiem il-Human Resources Manager. Gie intavolat appell quddiem d-Direttur Manigerjali li kkonferma l-istess decizjoni u b’hekk l-impjieg gie terminat.

L-appellant ma qabilx mal-konkluzjonijiet tat-Tribunal fuq l-allegazzjoni illi ma kienx hemm provi sufficjentement inkriminanti kontra tieghu. Dana skond ittra datata tmintax (18) ta’ Lulju tas-sena 2007.

Konsiderazzjonijiet:

L-ilment ta’ l-appellant quddiem dan it-Tribunal huwa li ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet li ghalihom waslet l-istess l-procedura adoperata socjeta` intimata skond il-proceduri ta’ dixxiplina.

L-appellant mhux qed jilmenta illi ta' dixxiplina ma sarux kif suppost ossia skond il-procedura stabbilita fl-istess ftehim kollettiv. Izda l-istess konkluzjonijiet kellhom jkunu inversi fis-sens illi in vista fin-nuqqas ta' apparenza ta' provi l-appellant kellu jigu liberat minn kull akkuza u li l-impjieg

tieghu ma kellux ghalhekk jigi tterminat b'dak il-mod.

Jirrizulta mill-atti processwali u di fatti anke l-istess appellant mhux qed jilmenta f'dak is-sens illi l-proceduri ma sarux kif suppost. Kien assistit sia minn rapprezentant sindakali u sia minn konsulent legali.

Kellu l-fakulta` li jiddefendi ruhu u li jgib il-provi kollha li seta' jgib. Li mhux jaqbel huwa li d-decizjoni ma kenitx wahda li kellha tkun, ossia fl-opinjoni tieghu kellha tkun inversa. F'kazijiet simili meta tintalab ritrattazzjoni tal-procedura mehuda ta' dixxiplina minn principal fil-konfront tieghu, l-obbligu tat-Tribunal huwa limitat fis-sens illi jara li l-proceduri li ttiehdu fil-konfront ta’ l-appellant kienu fil-ftehim kollettiv ezistenti bejn min ihaddem u r-rapprezentant tal-haddiema fuq il-lant tax-xoghol. Jara ukoll li jigu applikati u segwiti dawk il-proceduri hemm stabbiliti u li ttiehed decizjoni skond il-ligi wkoll, anke a kazi tal-principju tal-gustizzja naturali oltre din il-piena inflitta trid tkun konsistenti ma’ l-istess nuqqas ta’ l-impjegat.

It-Tribunal biex jinvestiga konkluzjoni mehuda minn Bord ta' Dixxiplina jrid jara li dawn it-tlett passi gew segwiti. Fil-kaz in ezami it-Tribunal ma jistax jara li l-kumpanija naqset fid-dmirijiet taghha skont il-ftehim kollettiv fil-konfront appellant. Fil-konfront l-appellant bhala parti interessata ghandu kull dritt ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet milqugha mill-Bordijiet ta' Dixxiplina stabbiliti fil-ftehim kollettiv. Pero` una volta l-istess decizjonijiet ittiehdu skont il-procedura dovuta u kif stabbilita t-Tribunal ma jistax juza d-diskrezzjoni tieghu biex ivarja l-istess konkluzjonijiet.

It-Tribunal huwa tenut anzi li juza dik id-diskrezzjoni meta l-procedura ma tigix segwita u jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi. F'dan ir-rigward issir referenza ghad-decizjoni "Matthew

Camilleri vs Malta Post", fejn kaz simili rrizulta illi l-membri tal-Bord tad-dixxiplina stess ma segwewx il-procedura stabbilita.

F'dan il-kaz in ezami it-Tribunal mhux rinfaccat b'xi allegazzjoni ta' proceduri mhux segwiti. Jigi ribadit illi l-lament li ghandu l-appellant huwa li ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet milqugha. Tenut tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-sentenza kienet idonea mal-gravita' tal-kaz.

<u>Konkluzjoni</u>

It-Tribunal jiddikjara li l-appellant kellu l-impjieg terminat ghal kawza gusta.

Ghal-fini ta' tassazzjoni t-Tribunal qed jiffissa s-somma ta' tmenin Euro (€80).”

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza r-rikorrenti Mark Pace jiccensura r-ragonament tat-Tribunal Industrijali bl-obbjezzjonijiet koncizi li jsegwu:-

1. It-Tribunal iddecieda hazin meta llimita l-gurisdizzjoni tieghu ghas-semplici stharrig dwar jekk il-proceduri dixxiplinarji interni fi hdan il-kumpanija gewx adoperati kif kellu jkun. Huwa jikkontendi illi kien jaqa’ fil-kompetenza tat-Tribunal li jifli fil-meritu r-raguni tat-tkeccija;

2. F’kull kaz ukoll, id-decizjoni appellata tat-Tribunal lanqas issegwi l-kriterji minnu stess stabbiliti dwar il-kompetenza tieghu in kwantu, fis-sentenza, il-procedura dixxiplinarja interna vvjolat id-dritt tieghu ghas-smigh xieraq, u dak tal-principju ta’ gustizzja naturali *nemo judex in causa propria*;

3. Fil-mertu, in bazi ghall-provi migbura, it-Tribunal kellu jsib li t-tkeccija tieghu mill-impjieg ma kienetx ghal raguni valida skond il-ligi;

Huwa apparenti mill-korp ta’ l-inkartament quddiem it-Tribunal illi l-kwestjoni devoluta lilu kienet tikkoncerna l-licenzjament ta’ l-appellanti mill-kumpanija. Minn dak spjegat fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tieghu (fol. 22) l-appellanti jissottometti illi r-raguni tat-tkeccija tieghu b’rizultat tal-proceduri dixxiplinarji mehdua mill-kumpanija ma kienetx gustifikata ghaliex ma tressqet ebda prova li tinkriminah;

Fuq din il-materja sottomessa bi gravam mill-appellanti lit-Tribunal, is-sentenza appellata tipprovdi sintetikament dan li gej fil-parti motivazzjonali taghha:-

i. L-obbligu tat-Tribunal huwa limitat fis-sens li jara li l-proceduri li ttiehdu fil-konfront ta’ l-appellanti kienu skond il-Ftehim Kollettiv, u jekk dawn u d-decizjoni ahharija kienux konformi ghall-principji tal-gustizzja naturali;

ii. Una volta li t-Tribuanl isib li d-decizjoni ttiedhet skond il-procedura prestabilita, it-Tribunal ma jistax juza d-diskrezzjoni tieghu biex ivarja l-konkluzjoni;

iii. It-Tribunal huwa tenut li juza tali diskrezzjoni meta l-procedura ma tigix segwita u jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi;

iv. Fil-kaz partikolari t-Tribunal mhux rinfaccjat b’xi allegazzjoni ta’ proceduri mhux segwiti izda li l-appellanti ma jaqbelx mal-konkluzjoni raggunta;

Konfrontata mat-talba specifika li saritlu mill-appellanti ghall-investigazzjoni dwar jekk it-tkeccija tieghu kienetx wahda ingusta, huwa bil-bosta lampanti illi d-decizjoni tat-Tribunal tippekka serjament mill-konsiderazzjoni tal-punt fokali lilu sottomess u dik tal-gurisdizzjoni esklussiva lilu konferita skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 75 (1) (a) ta’ l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali. Il-Qorti behsiebha tillustra dan bil-konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) L-ewwelnett ma jkunx inutili jekk ghal kjarezza jigi ripetut dak drabi ohra ravvizat minn din il-Qorti illi “kif inhu sew konoxxut kwestjonijiet ko-involgenti rapport tax-xoghol u materji implikanti nuqqas ta’ l-osservanza tad-diligenza fl-ezekuzzjoni tad-doveri da parti ta’ l-impjegat jew dik tal-kondotta abusiva jew negattiva tieghu, jippartecipaw minn zewg stadji: il-wiehed extra-gudizzjarju regolat minn proceduri interni ta’ dixxiplina u dik tal-kontestazzjoni ta’ l-addebitu li bih l-impjegat jigi konfrontat; l-iehor gudizzjarju, ghal kaz fejn, bhala mizura ta’ dixxiplina, l-impjegat jisfa mkecci mill-post tax-xoghol”. Ara “**Brian Busuttil -vs- ST Microelectronics (Malta) Ltd**”, 27 ta’ Marzu, 2009;

(2) Jista’ dejjem, s’intendi, jaghti l-kaz fejn tinsorgi l-kwestjoni illi bhala parti mill-investigazzjoni li ssir fil-fazi gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja l-Qorti jew it-Tribunal ikunu msejha wkoll biex jindagaw jekk il-bordijiet interni ta’ dixxiplina jkunux irrispettaw il-jeddijiet fondamentali ta’ l-impjegat fid-determinazzjoni ta’ l-akkuza fil-konfront tieghu, jew ukoll il-konformita mal-proceduri pre-fissati fi Ftehim Kollettiv jew ta’ kuntratt ta’ impjieg. Anzi f’dan ma hemm xejn gdid jew barra mill-ordinarju li hekk jsir, kif ezemplifikat fi skorta ta’ dicizjonijiet fuq dan is-soggett. Ara a propozitu “**Austin Gonzi -vs- Malta Drydocks Corporation**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 27 ta’ Ottubru, 2004 u “**Raymond Zammit -vs- General Workers Union *et***”, Appell Superjuri, 8 ta’ Jannar, 2010 fejn tali ezercizzju sar mill-qrati ordinarji . Ara wkoll fost ohrajn, “**Carmel Schembri -vs- Enemalta Corporation**”, 1 ta’ Novembru, 2006, “**Joseph Silvio -vs- Corinthia Palace Hotel Co Ltd**”, 27 ta’ Frar, 2009 u “**Joan Montanaro -vs- Bay Street Hotel Complex *et***”, 13 ta’ Marzu, 2009, decizi minn din il-Qorti kif presjeduta fuq appelli lilha minn sentenzi tat-Tribunal Industrijali;

(3) Il-kwestjoni *de quo agitur* ma kienetx sempliciment wahda koncernanti t-tematika tal-proceduri dixxiplinarji, anke jekk din mhix ghal kollox eskluza jekk wiehed joqghod ghal dak sottomess bit-tieni aggravju, izda jekk, *dato ma non concesso*, illi dawk il-proceduri rrispettaw il-principji bazici u inderogabbli tal-

kontradittorju, jekk id-decizjoni tal-kumpanija apellata li llicenzjat lill-appellanti kienetx legittima u konformi ghal dik "ir-raguni tajba u bizzejjed" li jippreciza l-Artikolu 36 (14) ta' l-Att. Dan, aktar u aktar allura meta, minn kif irragonat mit-Tribunal innifsu, jinsab dikjarat illi hu ma kienx rinfaccjat minn allegazzjoni riflettenti fuq il-proceduri dixxiplinarji interni *ut sic*;

(4) Fiz-zgur, dmir it-Tribunal ma kienx dak li jarresta l-pass tieghu u jieqaf fuq il-konstatazzjoni illi l-proceduri dixxiplinarji kienu sew kondotti izda, una volta stabbilit hekk minnu b'konvinciment, hu kellu jghaddi 'l quddiem biex janalizza u jepura, fuq il-bazi tal-valutazzjoni tal-provi, jekk l-akkuza ta' l-allegat ksur mill-impjegat appellant tar-regolamenti interni tal-kunfidenzjalita` kienetx, o meno, fondata. Fi kliem iehor, jekk, fis-sostanza, il-motivazzjoni tat-tkeccija ta' dik il-"*flagrant breach of confidentiality when you gave certain information to a Media representative which information portrayed the Company in a negative and derogatory light to Media readership*" (ara ittra tat-tkeccija tas-26 ta' Gunju, 2007), kellhiex mill-verita u kienetx ukoll ta' natura tant gravi li tirrendi gustifikabbli l-licenzjament;

(5) It-Tribunal ma huwa xejn korrett fl-affermazzjoni generika tieghu illi d-diskrezzjoni vestita fih hi dik *sic et sempliciter* li jassigura jekk il-procedura dixxiplinarja gietx sew adottata, u mhux ukoll li jvarja l-konkluzjoni raggunta b'ezitu ta' dawk l-istess proceduri. Certament, l-attributi u l-funzjonijiet tat-Tribunal Industrijali kif jemanu minn disposizzjonijiet varji ta' l-Att huma ferm aktar wiesgha minn hekk. Is-setgha ta' apprezzament tal-provi fuq appell li jsir lilu mill-impjegat illicenzjat timporta li huwa ghandu d-diskrezzjoni li jissindika l-konkluzjoni tal-principal u, fejn jidhirlu xieraq, skond ir-rizultanzi istruttorji, li jissostitwixxi ghal dik l-istess konkluzjoni, id-diskrezzjoni konvincenti tieghu. Dan s'intendi dejjem fil-limiti tal-ligi u wkoll f'dawk il-limiti senjati mill-gurisprudenza ghall-ezercizzju ta' diskrezzjoni u funzjonijiet affidati lit-tribunali gudizzjarji;

(6) Sfortunatament, fil-kaz prezenti, minn dan kollu t-Tribunal ma ghamel xejn ghaliex lanqas biss ezamina l-provi mill-ottika tar-raguni tat-tkeccija biex seta' jkun in grad li jiddetermina l-gustifikazzjoni o meno taghha. Huwa invece accetta, bhal donnha xi presunzjoni qawwija kontra l-appellanti, illi dik il-konkluzjoni kienet valida u korretta ghaliex il-proceduri dixxiplinarji interni mill-kumpanija li wasslu ghaliha kienu konformement kif kellhom ikunu ghall-principji fundamentali ta' gustizzja naturali. Il-konsegwenza hi li d-decizjoni tat-Tribunal tiddifetta sew guridikament ghax tonqos, ghal dik li hi l-kompetenza tieghu, milli tistharreg u tddeciedi, fil-konkret, il-punt centerali sottopost lilu bit-talba ta' l-appellanti. Huwa l-kaz, ghaldaqstant, illi, bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju u impregudikati l-aggravji l-ohra, il-Qorti twarrabha ghal kollox u, ukoll ghall-iskop tal-beneficcju tad-*doppio esame,* tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ghall-investigazzjoni ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju, tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal Industrijali ghad-definizzjoni u decizjoni minnu skond il-ligi fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet premessi. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu sopportabbli fic-cirkostanzi fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------